MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 69/2004

**HSBC Bank Malta PLC reg. No.C3177 u b'digriet tas-26 ta' Ottubru 2004, il-Qorti ordnat li jigu kancellati l-kliem fl-okkju "bank Malta PLC reg. NO. C3177" u sostitwiti bil-kliem "Home Loans (Malta) Limited reg. No. C-1000"**

**vs**

**Francis Vella ID 663362(M) u martu Concetta Vella ID 48853(M)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jizgumbraw mill-fond Flat 8, St. Joseph Flats, Antonio Sciortino Street, Msida fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat mill-Qorti billi dan il-fond huwa okkupat minnhom minghajr ebda titolu validu fil-ligi u jhallsu l-ammont ta' danni dovut lis-socjeta' attrici minhabba l-okkupazzjoni llegali tal-fond fuq imsemmi mid-

data tal-24 ta' Ottubru, 2000 sad-data tal-eventwali zgumbrament u dana wara kull dikjarazzjoni necessarja minn din il-Qorti.  Ghal finijiet ta' kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizju huwa ta' Lm1525 fis-sena skond kif jirrizulta minn rapport tal-Perit Arkitett anness Dok. A.  gie dikjarat ukoll li l-ammont ta' danni ma jeccedux l-Lm5000.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-10 ta' Jannar, 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, tipprefiggi terminu ta' xahrejn sabiex il-konvenuti jizgumbraw mill-fond Flat 8, St. Joseph Flats, Antonio Sciortino Street, Msida, u tiffissa l-ammont ta' danni 'arbitrio bono viri' ghall-okkupazzjoni llegali fis-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------